MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Talba Numru. 493/2003

**Charlot Azzopardi**

**vs**

**Publius Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Marzu, 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ seba’ mitt lira Maltin (Lm700.00) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuti lill-attur bhala rifuzjoni ta’ depozitu mhallas lill-kovenut wara li negozju bejn il-partijiet ma giex konkluz u dan kf ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Edward Gatt in rappresentanza tal-attur li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700.00), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------